

# Għandek x'tagħmel?

Qatt ħassejtek ma tistax tlaħħaq ma' dak kollu li trid tagħmel fil-ġurnata?

Ġieli, minħabba f'hekk, ma tajtx wisq kas ta' xi affarijiet li ħafna drabi jkunu mportanti ħafna?

Forsi dan ġagħalek ukoll tħalli dawn l-affarijiet li kont responsabbli tagħhom f'idejn ħaddieħor, u forsi wkoll ma komplejtx tinteressa ruħek fihom?

Jista' jkun ukoll li għamilt hekk f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni għall-fidi tat-tfal tiegħek?

Veru li l-ġenituri llum għandhom ħafna x'jagħmlu, u għandhom ħafna affarijiet oħra ta' xiex jagħtu kas, imma r-responsabbiltà li jgħaddu l-fidi lil uliedhom hi primarjament tagħhom!

Imma din l-idea li r-responsabbiltà li jgħaddu l-fidi lill-ulied hija tal-ġenituri hi xi idea ta' dan l-aħħar?

Fil-verità mhi idea ġdida xejn! L-edukazzjoni għall-fidi tat-tfal minn dejjem kienet responsabbiltà tal-ġenituri. Biżżejjed inħarsu ftit lejn it-Testment il-Qadim u malajr insibu b'mod ċar ta' min hi r-responsabbiltà li jeduka lit-tfal għall-fidi.

Nixtieq naqsam magħkom silta mill-Bibbja li fiha nsibu kemm ir-responsabbiltà tal-edukazzjoni għall-fidi hija f'idejn il-ġenituri. Is-silta hija meħuda mill-Ktieb tad-Dewteronomju (6:4-9) li hija dwar il-kmandament tal-imħabba lejn Alla wieħed:

"Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha. Żomm f'qalbek dan il-kliem u dawn il-kmandamenti li qiegħed nagħtik illum. **Tennihom lil uliedek, u tkellem fuqhom meta tkun f'darek, u meta tkun miexi fit-triq, u meta timtedd, u meta tqum**."

Jidher ċar minn hawn li huma l-ġenituri li huma responsabbli li jgħallmu dan lil uliedhom, u li jitkellmu fuq dan **kull fejn ikunu**. Huma l-ġenituri li għandhom id-dmir li juru u jgħallmu dwar Alla minn ġenerazzjoni għal oħra.

Il-ġenituri mhumiex qegħdin biss biex inisslu u jkomplu jkattru l-ġens uman permezz tal-ulied, imma wkoll biex jedukaw lil uliedhom ħalli dawn jagħrfu min hu tassew Alla li huwa mħabba.

Jekk għandek x'tagħmel wisq biex toqgħod tieħu ħsieb l-edukazzjoni fil-fidi ta' wliedek ... sinjal li għandek x'tagħmel wisq! *Ix-xahar id-dieħel inkomplu naraw kif.* F